MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru. 323/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Jeremy James Farrugia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jeremy James Farrugia ta' 24 sena, bin Emanuel u Catherine nee` Saydon, imwieled il-Pieta` fil-11 ta' Novembru 1984, residenti gewwa Nru. 2, St. Mary Street, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 558384(M):

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fid-19 ta' Dicembru 2006 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 'dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Talli minghajr l-awtorita` legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs droga (eroina) li hija medicina perikoluza skond l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta;

F'kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat Jeremy James Farrugia talli ghamel reat waqt it-terminu operattiv ta' sentenza sospiza ta' habs, moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali datata 14 ta' Ottubru 2003 u aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-6 ta’ Novembru 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti, kif preseduta, milli terga’ tisma’ l-provi mressqa f’din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Fid-19 ta’ Dicembru 2006, ghall-habta tas-14.15, waqt li kienet qeghda ssir tfittxija fic-cella numru 1, fil-*Forensic Unit* gewwa l-Isptar Monte Karmeli, okkupata mill-imputat u zewg detenuti ohrajn u fil-presenza tal-istess, PC 682 Michael Cutajar, PC 1559 Charles Muscat u l-*Assistant Manager* Anthony Schembri sabu borza tal-*plastic* bi trab kannella suspettat eroina gewwa bott tal-*Ovaltine* li

kien jinsab f'kaxxa tal-kartun.  Din il-kaxxa kienet qeghda hdejn jew taht is-sodda tal-imputat.[1]

Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2], jirrizulta illi fit-trab kannella li kien hemm fil-borza tal-*plastic* imsemmija, f'ammont nett totali ta' 0.406 grammi, instabet is-sustanza eroina.  Il-purita` ta' dan it-trab ghall-eroina kienet ta' cirka 33.7%.

Illi l-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi ghalkemm fl-atti hemm esebita stqarrija rilaxxjata mill-imputat u datata wara l-jum li fih sehh l-incident mertu tal-kaz odjern[3], din l-istqarrija baqghet ma gietx ipprezentatha u kkonfermatha bil-gurament mill-Ufficjal Prosekutur ossia l-Ufficjal Investigattiv f'dan il-kaz. Fil-fatt fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[4], l-istess Ufficjal Prosekutur jirreferi biss ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-imputat u jipprezenta din is-sentenza.  La jghid illi huwa investiga lill-imputat dwar dan il-kaz u lanqas li dan irrilaxxja stqarrija.  Mill-bqija imkien fix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni, ma ssir xi referenza ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u fil-konto-ezami tieghu mill-Prosekuzzjoni, per ezempju, l-imputat lanqas ma gie mistoqsi dwar din l-istqarrija jew ma saritlu xi referenza ghall-fatt li huwa kien irrilaxxja stqarrija dwar il-kaz de quo jew dwar il-kontenut tal-istess stqarrija. Jidher illi l-istqarrija li tinsab a fol. 10 tal-process giet esebita mal-inkartament ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti flimkien mac-citazzjoni odjerna, izda fil-proceduri ma sar l-ebda accenn ghaliha. Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti m'hijiex qeghda tiehu konjizzjoni ta' din l-istqarrija.

Issa kif inghad izjed il'fuq, fil-jum in kwistjoni, waqt tfittxija fic-cella numru 1 fil-*Forensic Unit* gewwa l-Isptar Monte Karmeli, liema cella kienet okkupata mill-imputat u zewg detenuti ohrajn, instabet borza bi trab kannella, li kif jirrizulta

[1] Ara xhieda ta' PC 682 Michael Cutajar (a fol. 34 *et seq* tal-process) u xhieda ta' PC 1559 Charles Muscat (a fol. 36 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 8 *et seq* tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 18 tal-process.
[3] A fol. 10 tal-process.
[4] A fol. 52 u 53 tal-process.

mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud, kienet droga eroina, gewwa bott tal-*Ovaltine* li kien qieghed f'kaxxa tal-kartun. Fix-xhieda tieghu, **PC 682 Michael Cutajar**[5] b'referenza ghal din it-tfittxija, qal illi taht is-sodda tal-imputat kien hemm kaxxa li kellu x-xirja fiha u minn gewwa bott tal-*Ovaltine* elevaw borza tal-*plastic* li kien fiha borza ohra bi trab kannella suspettata droga. Da parti tieghu, **PC 1559 Charles Muscat**[6] xehed illi waqt illi kienet qeghda ssir tfittxija fil-kaxxa tal-imputat, fejn huwa kellu affarijiet tax-xirja, gie elevat bott tal-*Ovaltine* li fih kien hemm borza bi trab kannella. Ix-xhud qal illi din il-kaxxa kienet tal-imputat u fiha kellu x-xirja li huwa jtella' mill-habs. Qal ukoll illi fil-waqt li s-sodda ta' Megrari, wiehed mid-detenuti f'dik ic-cella kienet fuq barra, fejn in-naha tal-bieb, ta' Mangion ossia ta' detenut iehor fl-istess cella, kienet in-naha l-ohra u s-sodda tal-imputat kienet faccata, fit-tieqa. Il-kaxxa in kwistjoni kienet mas-sodda tieghu ezatt. Dan ix-xhud qal ukoll illi l-kumplament tal-affarijiet li kien hemm fil-kaxxa kienu lkoll tal-imputat. Qal ukoll illi s-sejba tal-borza bis-sustanza gewwa l-*Ovaltine* saret fil-presenza tal-imputat.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll **l-imputat**[7] li qal illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien jinsab gewwa l-*Forensic Unit* tal-Isptar Monte Karmeli, dahal hemmhekk mill-habs u kien qieghed hemm sabiex jigi nvistat mill-psikjatra u jaghtih il-mistura. Ghall-habta tas-1.00 p.m., saret tfittxija fic-cella fejn kienu detenuti hu u tnejn ohrajn. Qal li fil-hin tat-tfittxija, kienu lkoll prezenti. Anthony Schembri, ufficjal tal-habs, fetah bott *Ovaltine* u qal li fih sab xi droga. L-imputat qal illi l-bott instab mhux il-boghod mis-sodda tieghu, li l-eqreb sodda jahseb li kienet tieghu u li l-bott kien fl-art. B'referenza ghall-Ufficjal li sabha, l-imputat qal illi dan tella's-sustanza misjuba mill-bott tal-*Ovaltine*, qalleb il-bott u sab id-droga. Qal illi huwa ma kienx jaf b'dan il-bott, illi qatt ma kien rah ghaliex kien ilu gurnata hemmhekk, u li huwa kien dahal gewwa l-Isptar Monte Karmeli mill-habs, li ghamlulu tfittxija x'hin dahal u li ma sabulu xejn, u li ma kellux vizti jew kuntatt ma' nies ohra. In kontro-ezami, huwa qal illi dakinhar kienet l-ewwel darba li ra l-bott tal-*Ovaltine* in kwistjoni, li qatt ma kien rah qabel, li l-izjed li kien ilu fil-*Forensic Unit* kien mill-jum ta' qabel, il-bott kien fl-

[5] A fol. 34 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 36 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 60 *et seq* tal-process.

art jew go kaxxa, li hu ma rax minn fejn kien ingabar ezatt u li Schembri ma qallux fejn kien qieghed il-bott, li ma kienx jaf jekk il-bott kienx miftuh jew maghluq, li kien vicin is-sodda tieghu, li l-kamra fejn kien qieghed seta' jidhol fiha kulhadd b'referenza ghal detenuti ohrajn, ghax il-kmamar ma kinux jissakkru u li ma kienx jaf x'kien fiha l-kaxxa jew inkella nesa.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Borg** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

*"Dwar x'jammonta ghal pussess ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha xi forma ta' kontroll tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal pussess ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982)."*

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew*

*dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."*

Fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-27 ta' April 2006, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Keith Stagno Navarro**, l-appellant kien gie akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga kokaina, u dan wara li l-Pulizija, waqt tfittxija li saret gewwa l-Kazin tal-Banda ta' Stella Maris, f'Tas-Sliema, f'kexxun f'kamra li tigi wara l-*bar*, sabu madwar ghaxart iqratas li kien fihom trab suspettat droga kokaina. Fis-sentenza taghha, l-istess Qorti qalet hekk:-

*"Illi ma hemmx dubju li d-droga kokajina nstabet f'post li kien jaqa' taht il-kontroll effettiv tal-imputat, pero` dan mhux bizzejjed biex jirrizulta pruvat ir-reat in dizamina w jrid ukoll jirrizulta l-element tax-xjenza li f'dan il-post kien hemm id-droga. Din trid tirrizulta jew mic-cirkostanzi jew minn xi ammissjoni da parti tal-persuna akkuzata. Dan ghaliex mhux eskluz li f'post li fuqu persuna jista' jkollha l-kontroll anki esklussiv, li persuna ohra, ad insaputa tal-persuna li jkollha l-kontroll, tkun poggiet jew hbiet xi droga jew sustanza illecita. Hekk per ezempju wiehed jista' jkollu kontroll effettiv u esklussiv fuq karozza ipparkjatha registrata fuq ismu imma ma jkunx jaf li xi hadd, ad insaputa tieghu, ikun tefghalu nitfa droga mix-xaqq tat-tieqa miftuha, biex forsi jinkriminah. L-istess missier li ghandu l-kontroll fuq ir-residenza tieghu ma jistax jinstab hati ta' pussess ta' droga jekk per ezempju ad insaputa tieghu, wiehed minn uliedu li jghix mieghu jkun dahhal droga u hbieha jew zammha f'daru. Ghalhekk mhux bizzejjed li jigi pruvat il-kontroll effettiv jew sahansitra esklussiv fuq xi post, imma jrid jigi pruvat, sal-grad tac-certezza morali, l-element tas-scienter, cioe` li jkun konsapevoli li f'dak il-post li jaqa' taht il-kontroll tieghu attwalment hemm id-droga. L-Ewwel Qorti jidher li m'ghamlitx distinzjoni bejn il-kuncett tal-pussess kostruttiv tad-droga w cioe` meta ghalkemm id-droga ma tkunx fil-pussess fiziku ta' dak li jkun, tkun f'post fejn hu jkollu l-kontroll effettiv u l-kuncett ta' pussess effettiv jew kontroll ta' post.*

*F'ta' l-ewwel, element essenzjali hu dejjem l-element tax-xjenza dwar l-esistenza tad-droga f'dak il-post u, jekk ma jigix pruvat dan l-element, ma tistax tinstab htija*".

M'hemmx dubju mix-xhieda tal-Ufficjali li ghamlu t-tfittxija fic-cella in kwistjoni illi l-kaxxa li fiha nstab il-bott tal-*Ovaltine* kienet hdejn is-sodda tal-imputat u kienet tikkontjeni affarijiet ohra proprjeta` tal-imputat ossia x-xirja tieghu. Tenut kont tal-fatt illi din il-kaxxa kienet ezattament hdejn is-sodda tal-imputat u li s-sodod tad-detenuti l-ohrajn kienu f'certu distanza minn din il-kaxxa, il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju illi l-kaxxa in kwistjoni, fejn instab l-istess bott tal-*Ovaltine* li kien jikkontjeni d-droga, kienet fil-fatt tal-imputat. Ghalkemm l-imputat jghid illi huwa qatt ma kien ra dak il-bott qabel instab mill-Ufficjali li ghamlu t-tfittxija, <u>x'aktarx</u> l-istess bott kien tal-istess imputat kif del resto kienu l-affarijiet l-ohra li kienu fil-kaxxa tal-kartun. Biss ghalkemm il-kaxxa fejn instab il-bott in kwistjoni kienet fil-kontroll effettiv tal-imputat la darba din kienet tieghu, ma jistax jinghad illi huwa kellu kontroll esklussiv fuqha, ghaliex kif jirrizulta kemm mix-xhieda tal-Ufficjali li ghamlu t-tfittxija, kif ukoll tal-istess imputat, il-kamra in kwistjoni ma kinitx okkupata biss mill-imputat, izda wkoll minn zewg detenuti ohrajn, apparti li skond l-imputat – liema xhieda ma gietx kontradetta dwar dan il-punt – il-kamra ma kinitx tissakkar u ghalhekk setghu jidhlu detenuti ohrajn li kienu jinsabu fl-istess *Unit.* L-imputat cahad illi huwa kien ra l-bott qabel dik l-okkazzjoni u ghalhekk cahad ukoll illi d-droga kienet tieghu. Ghaldaqstant il-Qorti trid necessarjament toqghod fuq ic-cirkostanzi li ghandha quddiemha sabiex tiddetermina jekk l-imputat kienx konsapevoli dwar l-ezistenza tad-droga fl-istess bott. Fid-dawl tac-cirkostanzi hawn indikati ossia tal-fatt illi l-kamra in kwistjoni kienet okkupata mhux biss mill-imputat, izda anke minn terzi persuni, li jfisser ghalhekk illi l-kaxxa in kwistjoni kienet accessibbli wkoll ghal terzi persuni u mhux biss ghall-imputat, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi l-bott in kwistjoni kien attwalment tal-istess imputat u wisq inqas illi huwa kellu x-xjenza rikjesta mil-ligi dwar l-esistenza tad-droga fl-istess bott. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tillibera lill-imputat minn din l-imputazzjoni.

La darba l-imputat m'huwiex qed jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni, isegwi necessarjament illi lanqas ma jista' jinstab hati tat-tieni imputazzjoni, ossia dik

li permezz taghha huwa gie akkuzat li dahhal id-droga eroina f'xi parti tal-konfini tal-habs. Fid-dawl tal-fatt illi l-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga misjuba, wisq inqas tista' ssib xi htija fil-konfront tal-imputat fir-rigward tat-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti titratta mal-imputat talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u wkoll talli huwa recidiv, apparti illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fis-seduta tal-5 ta' Mejju 2014, illi s-sentenza sospiza diga` giet reza operattiva[8], stante illi l-Qorti m'hijiex issib reita` fl-imputat, isegwi ghalhekk illi l-Qorti ma tistax titratta mieghu bil-mod mitlub.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti tal-process verbal numru 897/07 redatt mill-Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[8] A fol. 76 tal-process.